A.L. 28 ta' l-2008

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 81A u 87A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 273 ta' l-2002.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "titolu professjonali rilevanti", minflok il-kliem "f'Malta." għandhom jidħlu l-kliem "f'Malta kif jidher fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid Skeda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih fi tmiem ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda

(Regolament 2)

Awstrija	Rechtsanwalt
Bulgarija	Адвокат
Belġju	Avocat/Advocaat/Rechtsanwalt
Ċipru	Δικηγόρος
Repubblika Ċeka	Advokát
Danimarka	Advokat

Estonja	Vandeadvokaat
Finlandja	Asianajaja/ Advokat
Franza	Avocat
Ġermanja	Rechtsanwalt
Greċja	Δικηγόρος
Ungerija	Ügyvéd
Irlanda	Barrister/Solicitor
Italja	Avvocato
Latvja	Zve¯rina¯ts advoka¯ts
Litwanja	Advokatas
Lussemburgu	Avocat-avoue’
Olanda	Advocaat
Polonja	Adwokat/Radca prawny
Portugall	Advogado
Romanija	Avocat
Slovakkja	Advokát/Komerc˘ny´ právnik
Slovenja	Odvetnik/Odvetnica
Spanja	Abogado/Advocat/Avogado/Abokatu
Svezja	Advokat
Renju Unit	Advocate/Barrister/Solicitor”.